MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 172/2002/2

**Cannon Services Limited**

**Vs**

**Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar debitament rappresentant mis-Sindku Paul Bugeja u mis-Segretarju Esekuttiv, Hector Cassola**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ppresentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta’ Frar, 2002, li in forza taghha wara li ppremettiet illi l-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar, debitament rapresentat mis-Sindku Paul Bugeja u mis-Segretarju Esekuttiv Hector Cassola ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta’ hamest elef, seba’ mija u hmistax-il lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (LM5715.49), liema somma tirraprezenta valur ta’ xogholijiet u materjal, mhux imhallsa, maghmula ghal u kkonsenjati lill-istess Kunsill Lokali, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness bhala Dok. “A”;

Ipremettiet illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellati, il-konvenuti nomine baqghu inadempjenti;

Ipremettiet illi fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenut nomine m'ghandhomx eccezzjoni valida x'jaghtu kontra l-azzjoni;

Ipremettiet illi ghall-finijiet tal-Artikolu 167 "et sequitur" tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rappresentant legali tas-socjeta' attrici u mmarkat bhala Dok "B";

Talbu ghalhekk il-konvenuti nomine ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, debitament rappresentant mis-Sindku Paul Bugeja u mis-Segretarju Ezekuttiv Hector Cassola, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef seba' mija u hmistax-il lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (LM5715.49) liema somma tirraprezenta valur ta' xogholijiet u materjal, mhux imhallsa, maghmula ghal u kkonsenjati lill-istess Kunsill Lokali.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti nomine, li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Mejju, 2002, li in forza tieghu il-Kunsill konvenut gie awtorrizzat jikkontesta l-kawza u ghal dan il-fini gie prefiss lill-Kunsill Lokali konvenut terminu ta' 20 gurnata biex iressaq in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali konvenut li biha ecepixxa illi:

1. Is-socjeta' attrici kienet inghatat mill-Kunsill Lokali konvenut kuntratt dwar sinjali u marki tat-traffiku ghal zmien sena b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2000 taht pattijiet u kondizzjonijiet kemm dawk imsejjha *general conditions* kif ukoll dawk imsejjha *specific conditions.*

2. Skond klawsola 41 tal-*General Conditions* kwalunkwe kwistjoni naxxenti mill-precitat kuntratt "*shall be finally settled under the Arbitration Rules and Procedures established by the Laws of Malta*". Ghaldaqstant stante li l-pretensjoni tas-sorte reklamat mis-socjeta' attrici hija naxxenti mill-kuntratt *de quo* tali pretensjoni kellha titressaq fi proceduri ta' arbitragg skond il-ligi u mhux adita il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' t-trattazzjoni tal-mertu tac-citazzjoni odjerna;

3. Bla pregudizzju u fil-mertu ghall-premess jirrizulta li s-socjeta' attrici ripetutament u bi ksur naqset milli tonora l-obbligi minnha assunti fuq l-istess u dan kif jirrizulta mid-*default notices*.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet riferibilment ghat-tieni eccezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut fejn giet eccepita n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti minhabba klawsola arbitrarja fil-kuntratt;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar hareg *call for tenders "to supply the services/products of Road*

*Signs and Markings"*. Is-socjeta' attrici kienet wahda minn dawk li tefghet it-tender, li kienet iggib in-numru 007/2000, u din it-tender tas-socjeta' attrici giet aggudikata favorevolment mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar; is-socjeta' attrici giet infurmata bl-award tat-tender b'ittra mibghuta lilha mis-Sindku tal-Kunsill Lokali datata 1 ta' Ottubru, 2000. Il-kuntratt relattiv gie ffirmat fl-istess gurnata ta' 1 ta' Ottubru, 2000, u gie ffirmat mis-Sur Paul Bugeja, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, u mis-Sur Dennis Bartolo, f'isem is-socjeta' attrici. Annessi mal-kuntratt kien hemm lista ta' kundizzjonijiet li huma li-"*Specific Conditions of Contract and Specifications for Services Maintenance of Traffic Signs and Road Markings" u l-"General Conditions of Contract for Services*". Klawsola 41 ta' dawn il-*General Conditions*, taht l-intestatura "*Settlement of Disputes*" tistabilixxi li "*Any dispute or difference arising out of the Contract including those considered as such by any of the parties shall be finally settled under the Arbitration Rules and Procedures established by the Laws of Malta*".

Fi klawsola precedenti ghal dan gie stipulat li l-kuntratt ghandu jitqies bhala kuntratt Malti u regolat bil-ligi ta' Malta attwalment vigenti.

Is-socjeta' attrici qed tallega li hi qdiet l-obbligi taghha taht il-kuntratt, izda baqghet ma thallsitx il-prezz pattwit. Il-Kunsill Lokali konvenut qed isostni li s-socjeta' attrici ripetutament agixxiet bi ksur tal-kuntratt u naqset milli tonora l-obbligi minnha assunti. Hi qed tinvoka l-klawsola arbitrarja fil-ftehim u peress li hemm kwistjoni naxxenti mill-kuntratt, qed titlob li l-pretensjoni titressaq fi proceduri ta' arbitragg.

Is-socjeta' attrici qed tikkontesta din il-pretensjoni fuq tlett binari:

(a) li l-kuntratt innifsu hu null ghax gie ffirmat mis-Sindku biss u mhux mis-Sindku u s-Segretarju kif titlob il-ligi;

(b) li l-istess klawsola Arbitrarja hi nulla ghax ma tipprovdix dettalji ta kif ghandu jsehh l-Arbitragg, u lanqas jekk ghandux jinzamm Malta jew le: id-deficenza fil-lingwagg tal-klawsola ghandu jwassal ghsn-nullita’ tal-istess klawsola peress li ma tistax ikollha effett; u

(c) peress li r-riferenza ghall-arbitragg ma gietx sollevata qabel il-presentata tan-Nota tal-Eccezzjonijiet kif jitlob l-artikolu 15(3) tal-Ligi dwar l-Arbitragg, Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghar-rigward ta’ l-ewwel kontestazzjoni, din il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, illi meta kuntratt bi klawsola Arbitrarju jitressaq quddiem il-Qorti, u jigi eccepit in-nullita’ tal-kuntratt, hija ghandha gurisdizzjoni tiddeciedi fuq il-validita o meno tal-istess kuntratt, avolja jista’ jkun li, fl-ahhar ipotesi, jigi deciz li l-materja in kwistjoni trid tigi mibghuta ghas-soluzzjoni taghha ghall-Arbitragg. Hu minnu li l-ligi tal-Arbitragg takkorda lill-Arbitru l-kompetenza li jiddeciedi hu, jekk il-kwistjoni tqum quddiemu, dwar il-validita’ o meno tal-kuntratt li jkun fiha l-klawsola arbitrarja. Din il-kompetenza moghtija lill-Arbitru, pero’, ma ttelifix mill-kompetenza ta’ dawn il-Qrati li jiddeciedu huma fuq din il-kwistjoni meta l-materja tkun quddiemhom. Il-kompetenza ta’ dawn il-Qrati hija wahda generali, u ma tistax tigi mnehhija jekk mhux bi kliem car u preciz tal-legislatur. Il-kompetenza tal-Arbitru mhix wahda esklussiva u, fil-fatt, l-Artikolu 742 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddisponi li “Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta’ kompetenza civili m’hijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta’ arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk hemm xi ftehim ta’ arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-proocedimenti ta’ arbitragg ikunu bdew jew le”. Il-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti, li, f’dan il-kaz, giet imfittxa qabel dik ta’ l-Arbitru, m’ghandhiex tigi skartata brevement u din il-Qorti tista’ u ghandha tiddeciedi fuq il-validita tal-kuntratt in kwistjoni.

Dwar il-meritu ta’ din l-ewwel kwistjoni, l-artikolu 3 tal-ligi dwar il-Kunsill Lokali (Att XV tal-1993), jiddisponi li l-Kunsill Lokali jgawdi minn personalita’ legali distinta bis-setgha li jaghmel kuntratti, li jharrek u li jkun imharrek, u li

jaghmel kull hag'ohra li jwasslu ghal qadi tal-funzjonijiet tieghu. L-Artikolu 26 ta' l-istess Att jiddisponi, imbaghad , li s-Sindku "jkun ir-rapprezentant tal-Kunsill ghall-finijiet kollha taht dan l-att". Dan ifisser li rappresentant tal-Kunsill Lokali huwa s-Sindku wahdu u mhux mehtieg li jkun assistit mis-Segretarju. Hija biss ir-rappresentanza legali u guridika li, skond l-artikolu 27 ta' l-istess Att, hija vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, izda f'affarijiet ohra s-Sindku jista' jagixxi wahdu. Din id-divergenza bejn min ghandu r-rappresentanza generali u dik legali ta' Kunsill Lokali, mhux xi haga stramba ghall-ahhar, ghax f'diversi kumpaniji per ezempju, insibu r-rappresentanza legali mixhuta fuq xi Direttur jew tnejn, waqt li r-rappresentanza generali tal-kumpanija, il-poter biex jirrapresenta l-kumpanija fuq kuntratti, negozji, u affarijiet ohra, tkun vestita f'persuna differenti, jew fid-diretturi jagixxu wahedhom u mhux flimkien ma direttur iehor, kif ikun mehtieg biex tigi radikata r-rappresentanza legali u guridika. Il-ligi dwar il-Kunsill Lokali taghmel din id-differenza bejn ir-rappresentanza legali u r-rappresentanza generali, u biex jinghata affidament lil din id-differenza, irid jigi dettat li s-Sindku ghandu funzjonijiet li jista' jaqdi wahdu bhala "rappresentant" tal-Kinsill lokali.

Apparti dan, anke jekk ma tigix riskontrata tali differenza, din il-Qorti ghandha d-dubbji taghha dwar kemm in-nullita' ta' kuntratt minhabba tali nuqqas, jista' jigi invokat mill-parti l-ohra.

Din il-Qorti tahseb li f'kaz ta' kuntratt iffirmat minn persuna li ma tirraprezentax lill-Kunsill, in-nullita' tal-att mhux wahda assoluta, izda relattiva, li tista' tigi sollevata mill-Kunsill Lokali milqut biss. Huwa l-Kunsill, u hadd aktar, li ghandu interess jissolleva n-nullita' tal-kuntratt fil-kuntest tal-allegazzjoni tieghu li hu mhux marbut b'dak il-"kuntratt"; jekk il-Kunsill, nonostante xi difett fil-forma, jaccetta li jintrabat b'dak il-kuntratt u jaghti effett, il-parti l-ohra ma tistax tissolleva hi n-nullita tal-kuntratt fuq id-difett procedurali tal-parti l-ohra waqt l-iffirmar tal-kuntratt.

Apparti dawn il-kunsiderazzjonijiet, tajjeb li jigi sottolinjat li s-socjeta' attrici hadet beneficcju minn dak il-kuntratt,

accettatu kif inhu, u (dment li ma agixxietx bi ksur tal-istess kuntratt kif qed jigi allegat mill-Kunsill Lokali konvenut, fejn, allura, tista' tkun responsabbli ghad-danni), sar arrikkixximent fl-assi taghha, u ma tistax, allura, wara dan kollu, tressaq il-quddiem in-nullita' tal-kuntratt li a bazi tieghu sar dak l-arrikkixximent (ara applikazzjoni ta' dan il-principju mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Farrugia noe vs Carbone et noe" deciza fit-30 ta' Mejju, 2001). Tista' ssir riferenza wkoll ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Borg noe vs Accountant General et" deciza fis-16 ta' Frar, 1993, fejn intqal li konvenut f'kawza ma jistax jikkontesta l-hatra ta' persuna biex jirraprezenta kumpanija f'kawza minhabba xi difett procedurali, ghax dik kwistjoni li ma tikkoncernax lilu. Bl-istess mod, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux lecitu ghall-parti f'kuntratt tissoleva n-nullita tal-kuntratt fuq il-bazi ta' allegat difett procedurali fir-rappresentanza tal-firmatarju tal-parti l-ohra.

Is-socjeta' attrici tista' targumenta li l-kawza taghha mhux bazata fuq il-kuntratt, tant li imkien fil-premessi u t-talbiet taghha ma jissemma l-kuntratt. Bhala fatt, pero', ix-xoghol sar wara l-ghoti tal-kuntratt lilha, u fit-terminu tal-istess, u ma tistax issa, ghax ma indikatx il-kuntratt fic-citazzjoni, tipprova tbieghed ix-xoghol mill-kuntratt li awtorizza dak l-istess xoghol.

Fit-tieni punt taghha, is-socjeta' attrici tissottometti li l-klawsola arbitrarja mhux dettaljata bizejjed biex tkun effettiva. Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument ghax id-dettalji dwar l-Arbitragg mhux mehieg li jkunu indikati fil-klawsola ta' arbitragg, ghax dawn jistghu jsiru b'riferenza ghal ligi li tirregola l-istitut ta' Arbitragg. Fil-fatt, klawsola 41 tiddisponi li l-materja trid tigi rizolta skond ir-regoli tal-Arbitragg "*established by the Laws of Malta*". Fil-fatt, dawn ir-regoli huma stabbiliti fl-Att dwar l-Arbitragg, numru II tal-1996. Din hi ligi dettaljata u komprehensiva, u tforni d-dettalji kollha mehtiega ta' kif jinbeda, jigi trattat u terminat Arbitragg, u ma hemmx ghalfejn li, fil-ftehim ta' Arbitragg, jigu elenkati diversi dettaliji. Il-partijiet jistghu, ovvjament, u sakemm dan hu possibili mill-istess ligi, ivarjaw jew izidu xi kundizzjonijiet li ghandhom jirregolaw

il-ftehim ta' Arbitragg taghhom, pero', dan mhux mehtieg, u jistghu jaqblu li joqghodu ghal ligi, kif gara f'dan il-kaz.

Lanqas ma jreggi l-argument li l-klawsola ta' Arbitragg ma tispecifikax jekk l-arbitragg ghandux isir Malta jew band'ohra. Hu ovvju li l-arbitragg ghandu jsir hawn Malta; il-kuntratt hu kuntratt malti, hu suggett ghall-ligijiet ta' Malta, il-partijiet huma residenti u domiciljati hawn Malta, u r-riferenza saret ghall-ligi ta' Arbitragg ta' Malta. Ma hemm ebda konnessjoni ma' barra, u s-sens komun juri car li l-ftehim kien li kull differenza tigi sottomessa ghall-Arbitragg hawn Malta.

Fl-ahharnett, is-socjeta' attrici tissotometti li, skond l-Artikolu 15(3) tal-ligi dwar Arbitragg, ir-riferenza ghall-arbitragg trid issir "qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti", mentri f'dan il-kaz, ir-riferenza giet mitluba fit-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u tahseb li m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni rigida lil dan is-subartikolu. L-iskop tal-ligi hu intiz biex ma jinheliex zmien, u jekk il-kaz se jigi trattat f'Arbitragg, jekk jista' jkun, ir-riferenza issir mill-ewwel u mhux wara smigh tal-provi jew trattazzjoni fuq xi materja tal-kaz. Dak li hu importanti, allura, mhux li, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut, b'talba ad hoc, jitlob riferenza ghall-Arbitragg, izda li din ir-riferenza tigi mitluba l-ewwel haga. Kif inhi l-ligi hu permess li konvenut,qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, jitlob, b'rikors ad hoc, ir-riferenza ghall-arbitragg, izda din it-talba mhux mehtieg li jsir hekk bil-fors, u tista' ssir b'talba imressqa fil-bidu ta' l-eccezzjonijiet.

Il-gurisprudenza u l-ligi dejjem riedu li l-eccezzjoni ta' inkompetenza tal-Qrati ordinarji minhabba klawsola ta' arbitragg tigi sollevata *in linine litis*, u l-Artikolu 15(3) tal-ligi ta' Arbitragg jirrifletti dan il-hsieb. Fil-kawza "Micallef vs Gollcher" deciza fit-23 ta' Frar, 1989, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc osservat illi dak li hu importanti hu li, dik il-materja, "tigi moghtija f'dak l-istadju li jikkomprendi z-zmien li jipprecedi t-trattazzjoni tal-kawza fil-meritu taghha, li huwa dak li jissejjah l-istadju preliminari tal-kawza." F'dik il-kawza, l-ewwel inghatat eccezzjoni li tat

lok ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni u ghall-notifika gdida tal-istess; wara t-tieni notifika, giet l-ewwel sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li giet irtirata, u kwindi l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni, li kienet it-tieni wahda, giet meqjusa bhala moghtija fl-istadju opportun.

F'din il-kawza, il-Kunsill konvenut, l-ewwel talab l-awtorizazzjoni biex jikkontesta l-kawza (u qabel dan l-istadju ma setgha jaghmel xejn aktar), u wara li gie hekk awtorrizzat, ressaq mill-ewwel l-kwistjoni tal-klawsola arbitrarja. Ghalkemm, din il-kwistjoni giet sollevata fit-tieni paragrafu, l-ewwel paragrafu mhux eccezzjoni, izda aktar esposizzjoni ta' fatti, u l-kontestazzjonijiet tal-Kunsill Lokali jinsabu fit-tieni u t-tielet paragrafi tan-Nota relattiva. Ghalhekk, jidher car, li din il-kwistjoni giet sollevata mill-Kunsill Lokali konvenut tempestivament.

Darba li din il-Qorti tqis il-klawsola ta' arbitragg bhala valida, ir-rizultat mhux li din il-Qorti tiddikjara ruhha inkompetenti, imma li, skond l-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12, twaqqaf il-procedimenti u tissoprasjedi sakemm jigi determinat l-arbitragg. Il-fatt li hemm talba ghall-hlas ta' prodott, liema talba qed tigi kontestata, ifisser li , fil-fatt, hemm "*dispute*" li tohrog mill-kuntratt in kwistjoni. Is-socjeta' attrici, ghandha, ghalhekk tressaq it-talba taghha lic-Centru tal-Arbitragg skond il-provedimenti tal-Att II tal-1996, biex dan jigi trattat u determiinat skond il-provediment ta' dak il-ligi.

Il-Qorti, ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, tidderigi lis-socjeta' attrici tressaq it-talba taghha skond il-provediment tal-Att numru II tal-1996 dwar l-Arbitragg, u tissoprasjedi s-smigh tal-kawza fil-meritu pendenti dawk il-proceduri. Il-kawza, pero', tinzamm fuq il-lista tal-Qorti biex tibqa' tezercita l-kompetenza taghha skond kif jiddisponi l-Artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dan l-incident jkun a karigu tas-socjeta' attrici.

IMHALLEF

D/REG